# tereża

Rivista Enċiklopedika ta' Spiritwalità

Maħruġa mill-Familja Karmelitana Tereżjana

Jannar - Marzu 2006
Sena 3 Ħarġa 1

TERESA hija r-rivista għal kulmin, imqanqal minn Alla, irid jimxi 'l quddiem fil-ħajja b'mod sħiħ, billi jirrealizza l-pjan divin għall-ħbiberija fil-qdusija u s-servizz ta' l-aħwa. Dan kif wettqitu Tereża ta' Ġesù, mitfuħa kif kienet għal Alla u l-bnedmin kollha ta' żmienha, b'fedeltà sħiħa fil-Knisja.


Kunvent Santa Tereża tal-Bambin Ġesù
Triq il-Wied, B'Kara BKR 10
Tel: 2144 2858 Fax: 2144 5854
**Email: rivistateresa@ocdmalta.org**

**Koordinazzjoni:**
Wistin Vella ocd

**Kumitat Editorjali**
Juan De Bono ocd, Adrian Attard ocd, Rev. Nicholas Cachia, Joe Camilleri sdc

**Abbonamenti u Amministrazzjoni**
Manwel Aquilina ocds, Rivista 'Teresa'
Kunvent S. Tereża tal-Bambin Ġesù, Triq il-Wied, B'Kara BKR 10

**Qari tal-Provi**
Manwel Schembri ocd u Carmel Mallia ocds


## *F'din il-Ħarġa*


Daħla: It-Tiġdid Personali: bejn il-Ħolm u d-Dmir
*Wistin Vella ocd* 5

It-Tama ta' Tiġdid fis-Salmi
*Fr Anton Abela* 7

Iż-Żminijiet Ġodda tad-Dewtero-Isaija
*Pietru Pawl Zerafa op* 19

The Perennial Novelty of Jesus
*Camilo Maccise ocd* 31

Il-Bniedem il-Ġdid fit-Teoloġija Pawlina
*Fr Paul Sciberras* 41

It-Tiġdid fil-Mixja Sinodali:
Introduzzjoni, Evanġelizzazzjoni u Formazzjoni
*Fr Joe Galea Curmi* 53

Komunjoni u Djalogu
*Dr André Camilleri* 71

Qadi u Solidarjetà
*Dr Anna Vella* 81

# Il-Bniedem il-Ġdid fit-Teoloġija Pawlina

*Fr Paul Sciberras*
Lecturer fit-Testment il-Ġdid fl-Università ta' Malta

***Il-bniedem il-ġdid huwa l-bniedem li lilu Alla joffri, permezz ta' l-Ispirtu s-Santu, il-maħfra tad-dnubiet. Dan iseħħ fit-tisħib tal-bniedem mal-mewt u l-qawmien ta' Kristu Ġesù fil-magħmudija. Lill-bniedem il-ġdid Alla jiftaħlu l-bieb għall-ħajja ġdida fi Kristu mqajjem mill-mewt.***

## Introduzzjoni

"Meta ħalaq id-dinja u n-natura, Alla qiegħed għan għal dan il-ħolqien. Dan l-għan għandu x'jaqsam kemm ma' l-ordni tal-grazzja u kemm ma' dak tal-glorja, imma li hu għal kollox imbiegħed mill-ordni tan-natura u tad-dinja: dak li jagħti lilu nnifsu lil dawk li Hu jħobb, u li jsejħilhom biex jieħdu sehem mill-ħajja tiegħu stess fi Kristu Salvatur, li fih il-ħlejjaq kollha għandhom

ikunu rikonċiljati, u flimkien mgħollija għal dinjità tassew għolja".[1] Kliem il-Filosfu Franċiż Jacques Maritain jiġbor tajjeb il-ħsieb ta' tant kittieba, eseġeti u kummentaturi dwar il-bniedem il-ġdid kif jesprimih San Pawl fl-Ittri tiegħu.

Ħafna ħassieba Lhud kienu jemmnu li Alla ħalaq dinja tajba permezz tal-medjazzjoni ta' l-Għerf (*Prov* 8, 22-31; *Sir* 24; *Għerf* 7, 22-8, 1). Iżda l-bniedem xejjen dan il-pjan ta' Alla. Bid-dnub tiegħu l-bniedem mar kontra r-rieda ta' Alla għalih u għall-ħolqien li hu tah biex imexxi. Iżda fl-istess ħin, din l-illużjoni li ġab il-bniedem nisslet ukoll xewqa li jseħħ ħolqien ġdid fi żmien ġdid fejn il-ħolqien kollu jkun meħlus minn dan it-tixjin tiegħu u mibdul fit-tjubija oriġinali tiegħu. Meta Alla temm jaħlaq il-ħolqien u l-bniedem kien qal: "Ara, kollox hu tajjeb[2] ħafna" (*Ġen* 1, 31). Bid-dnub il-bniedem kisser din it-tjubija u din ix-xbieha ta' Alla fih. Lejn din it-tjubija oriġinali tiegħu kienet ix-xewqa tal-bniedem u għal dan il-ħolqien mill-ġdid kien jitniehed!

San Pawl għaraf li l-Għerf li bih ħalaq kollox Alla huwa Ġesù Kristu (*1Kor* 1, 17-25; *Kol* 1, 15-20). Pawlu għaraf ukoll li d-dnub iħassar it-tjubija tal-ħolqien billi jiċħad il-pjan tajjeb ta' Alla. Il-bniedem jagħżel li jagħmel dak li jmur kontra r-rieda tiegħu u b'hekk kontra l-istess tjubija li ħalaq fih Alla u li tagħmlu jixbhu. Minflok tjubija li toħolqu l-bniedem għażel id-dnub li joqtlu. Għal Pawlu ż-żmien il-ġdid li fih kollox jiġġedded, u terġa' għal li kienet ix-xbieha li Alla qiegħed fih, huwa ż-żmien tal-parusija jew id-dehra mill-ġdid u futura ta' Ġesù Kristu.[3]

Fil-fatt fid-dibattitu sħiħ dwar it-tifsira tal-frażi "fi Kristu" fi *2Kor* 5, 17, R.H. Strachan jgħid li kull meta bniedem jerġa' jikseb lil Kristu u jkun fih, hemmhekk hemm ħolqien ġdid, għax dak il-bniedem ġie mlaqqam fi Kristu Gesù.[4] Strachan hu tal-fehma li Pawlu jadotta l-lingwaġġ Lhudi ta' żmienu u għalhekk jiddefinixxi "fi Kristu" fi *2Kor* 5, 17 bħala "ħolqien f'dinja ġdida,

1 Jacques Maritain, *Le pensée de Saint Paul*, Editions de la Maison Franċaise, New York 1941; maqlub ukoll għall-Ingliż: *The living thoughts of Saint Paul*, Cassell: Londra 1945, u bit-Taljan: *Il pensiero di San Paolo*, Borla: Ruma 21999, p. 147.

2 L-aġġettiv Lhudi tôb jintuża għal għadd kbir ta' tifsiriet ta' "tjubija", li jinġabru fi tliet kategoriji: tjubija estetika, morali u funzjonali. Bil-Malti wkoll l-aġġettiv "tajjeb" jista' joqgħod għal tant u tant tifsiriet.

3 Ara Rinaldo Fabris, *Per leggere Paolo*, Borla: Ruma 1993, p. 99.

4 Robert. H. Strachan, *The Second Epistle of Paul to the Corinthians*: Hodder & Stoughton: Londra 1935, p. 113.



f'ħolqien ġdid". Hu japplika l-ħsieb għal *2Kor* 5, 17[5] u *Gal* 6, 15[6] u jgħid li Pawlu jifhem "*kainè ktisis*, ħolqien ġdid" b'mod [illegible] bħala l-ġrajja effett tal-fidwa mwettqa minn Kristu Gesù li se sseħħ [illegible] il-ġdid.

## "Ħolqien ġdid" fl-Iskrittura Lhudija

Nieħdu biss il-ħsieb ta' l-Iskrittura Lhudija kif imfisser fil-Profeti. Nintebħu li hemm tliet kurrenti ta' ħsieb, imma li kull wieħed jista' jinġabar fil-frażi "ħolqien ġdid."

Isaija (l-aktar fil-kapitli 40-55) iqis "il-ħwejjeġ ta' qabel/ħwejjeġ ġodda" bħala l-ħelsien imminenti tal-Poplu Lhudi mill-jasar bħala eżodu ieħor, it-tieni eżodu, ħelsien ġdid li joħloq lill-poplu mill-ġdid. Fil-fatt Isaija juża tixbihat ta' ħolqien għall-ħelsien mill-jasar. Dan juri kif it-teoloġija ta' l-eżodu f'Isaija hija teoloġija tal-ħelsien meħuda ferm iktar fil-fond. Ħolqien u ħelsien jinġabru fl-istess tixbihat. Isaija juża verbi bħal *gâ'al* ("ħeles") u *jaxa'* ("salva") kemm f'kuntesti ta' ħolqien u kemm f'dawk ta' ħelsien (ara 43, 12; 45, 17; 52, 3. 9; 63, 9).

Lejn tmiem il-ktieb tiegħu, Isaija jwessa' dawn it-tixbihat biex jinkludu s-sema u l-art kollha. Alla jwiegħed lill-Poplu tiegħu mhux biss "art tnixxi ħalib u għasel" (7, 22) imma dinja li taqbel ħafna mal-ħsieb li l-ħallieq kellu għaliha meta sawwarha. B'hekk Isaija jgħaqqad flimkien l-ewwel ħolqien tad-dinja ma' ħolqien ġdid tal-poplu tiegħu meta ħelsu mill-jasar. F'din il-linja ta' ħsieb huma wkoll Ġeremija u Eżekjel.

Minħabba li s-sitwazzjoni konkreta tal-komunitajiet li kienu jindirizzaw bi kliemhom kienet taqbel flimkien, imma fl-istess ħin differenti minn dik ta' Isaija, dawn iż-żewġ profeti għandhom ħsieb jixxiebah ħafna u jaqbel xorta waħda ma' dak ta' Isaija. Kif jista' jkun, jirraġunaw Ġeremija u Eżekjel, li poplu daqstant rasu iebsa (*Eżek* 2, 3-4) u poplu li qam kontra Alla nnifsu, poplu li jista' jinbidel daqskemm wieħed Etjopiku jista' jibdel il-lewn tal-gilda tiegħu (*Ġer* 13, 23), ikun il-Poplu ta' Alla? Quddiem sitwazzjoni daqstant imwegħra, Ġeremija u Eżekjel iħarsu 'l quddiem lejn il-jum meta Alla jerġa' joħloq il-poplu tiegħu mill-ġdid minn ġewwa. Alla jeħtieġlu jerġa' jagħmel mal-poplu patt ġdid, joħloqlu qalb ġdida, u jagħtih Spirtu ġdid. Iż-żewġ profeti jagħmluha aktar

5 W. Hullitt Gloer, *An exegetical and theological study of Paul's understanding of new creation and reconciliation in 2Cor, 5, 14-21*, Mellen Biblical Press: Leviston, New York 1996, huwa studju tajjeb ħafna dwar dan it-test fil-kuntest tal-ħolqien ġdid permezz tar-rikonċiljazzjoni li ġab Kristu Ġesù.

6 Ara wkoll J. Louis Martyn, *Galatians* (= The Anchor Bible 33A), Doubleday: New York 1998, pp. 559-570.

minn ċara li l-veru għadu tal-poplu mhux l-eżerċtu kkampjat barra s-swar, imma dak ġewwieni: il-qalb iebsa tagħhom stess li ma jridux jifhmu liema Spirtu jridhom iħaddmu Alla fil-ħajja tagħhom.[7] Ħolqien ta' Spirtu ġdid f'qalb il-poplu jagħmlu fil-fatt ħolqien ġdid li jħalli lil Alla jsalvah mis-sitwazzjoni tal-biki li fiha kien jinsab.

### L-antropoloġija ta' Pawlu

Il-ħsieb ta' Pawlu dwar il-bniedem, dik li nsejħulha "l-antropoloġija Pawlina", huwa dejjem magħqud ħaġa waħda mar-relazzjoni tal-bniedem ma' Kristu Ġesù. Fl-ittri tiegħu Pawlu juża l-formula "fi Kristu Ġesù"[8] jew formuli oħra jixbħuha.[9] Dawn il-formoli Pawlu jużahom bħallikieku kienu s-siġill ta' l-awtentiċità ta' l-eżistenza Nisranija ta' dawk li jemmnu.[10] Dawk kollha li fil-fidi u bil-magħmudija huma marbuta ma' Kristu Ġesù jagħmlu miegħu ħolqien wieħed ħaj u jieħdu sehem min-natura tiegħu ta' wlied Alla.

Minn dan il-fatt Pawlu jiġbed żewġ konklużjonijiet. L-ewwelnett bejn dawk li jemmnu ma hemmx aktar firdiet ġejjin minn differenzi soċjali, differenzi ta' razza, jew ta' reliġjon. Lill-Insara tal-Galazja li tfixklu minħabba l-propaganda ta' nsara oħra ġejjin mil-Lhud li riedu jerġgħu jtellgħu l-ħajt li jifred il-Lhud mill-pagani, Pawlu jxejjer il-manifest tal-ħelsien sħiħ u l-għaqda bejn dawk kollha li huma fi Kristu: "issa ma hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg, ma hemmx ilsir u anqas ħieles, ma hemmx raġel u anqas mara; għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù" (*Gal* 3, 28).

It-tieni, l-Insara, imlaqqma permezz tal-fidi bil-magħmudija f'Ġesù Kristu, jaqsmu l-kundizzjoni tiegħu ta' mislub, maqtul u mqajjem mill-mewt. Magħquda ħaġa waħda miegħu, huma ġew bħal maħtufa mis-setgħa tar-reġim qadim tad-dnub li ġab fuqhom il-mewt, u issa jgħixu fl-istatut il-ġdid inawgurat mid-don ġewwieni ta' l-Ispirtu s-Santu fl-istennija tal-ħajja sħiħa

7 Ara Moyer V. Hubbard, *New creation in Paul's Letters and thought*, Cambridge University Press: Cambridge 2002, pp. 23-25.

8 *en Khristô Ièsou* tintuża 50 darba fl-ittri. Għal studju wiesa' tat-terminu "fi Kristu", ara John Ziesler, *Pauline Christianity* (=The Oxford Bible Series), Oxford University Press: Oxford ²1990, pp. 49-52. Ta' min jinnota wkoll li Pawlu ma jsibx diffikultà li jgħid "Jekk Kristu jgħammar fikom ..." (*Rum* 8, 10), biex b'hekk joħloq espressjoni u ħsieb dwar kunċett b'żewġ uċuħ ta' l-istess munita: "il-bniedem fi Kristu" u dak ta' "Kristu fil-bniedem" (ara wkoll *Gal* 2, 20).

9 *ià písteôs Ièsou Khristou* = permezz tal-fidi f'Ġesù Kristu (*Rum* 3, 22; *Gal* 2,16) jew *ek písteôs* Ièsou Khristou = bis-saħħa tal-fidi f'Ġesù Kristu (*Gal* 3, 22).

10 Ara Fabris, *Per leggere*, p. 99.



fil-qawmien.[11] Pawlu jitlaq mill-prinċipju ġuridiku li l-mewt iġġib it-tmiem lil kull rabta ta' kuntratt. Għalhekk is-sid qadim, li hu d-dnub, bil-mewt jitteħidlu kull dritt li għandu fuq l-imgħammdin insara. Dan għaliex huma mietu ma' Kristu Ġesù msallab u, magħqudin miegħu, issa huma ta' Alla. Dan kollu Pawlu jesprimih permezz ta' frażijiet ta' importanza kbira waqt li jipprova jibni mill-ġdid il-proċess ta' ħelsien nisrani mid-dnub. Hekk, ngħidu aħna, f'*Rum* 6, 6-7 jisħaq: "Dan nafu: li l-bniedem il-qadim tagħna ssallab miegħu, biex jinqered dan il-ġisem tad-dnub, sabiex ma nkunux aktar ilsiera tad-dnub. Min imut, jeħles mid-dnub".[12]

Wieħed jista' jieħu l-impressjoni li Pawlu jħaddem filosofija antropoloġika dwalistika: donnu l-ġisem u r-ruħ huma b'xi mod mifrudin minn xulxin fil-persuna tal-bniedem. Jista' jidher li l-ġisem waħdu jibqa' marbut mar-reġim tad-dnub u tal-mewt. Infatti Pawlu jitkellem mill-"ġisem li jmut" jew mill-"ġisem tal-mewt" (*Rum* 6, 12; 7, 24).

Din l-impressjoni dwar il-frid tal-ġisem mir-ruħ tissaħħaħ meta Pawlu nnifsu jgħid li l-passjonijiet u l-ġibdiet tal-ġisem – it-tnejn mifhuma bħala negattivi – huma marbuta mar-reġim tad-dnub. Il-kundizzjoni umana taħt il-ħakma tad-dnub, Pawlu jsejħilha "li tkun" jew "li tgħix fil-ġisem", kontra "li tkun" jew "li tgħix fl-Ispirtu". Huwa jitħaddet mill-"ġibdiet tal-ġisem" li jeħduha kontra l-Ispirtu u għandhom effetti bil-kontra ta' xulxin. L-effetti ta' l-Ispirtu jwasslu għall-ħajja; dawk tal-ġisem iwasslu għall-mewt (*Gal* 5, 16-23; *Rum* 8, 5-8).

Minn dawn il-ħsibijiet biss nistgħu nkomplu ngħidu li Pawlu jgħaqqad flimkien elementi mill-antropoloġija Griega meta, biex jitkellem mill-bniedem sħiħ, isemmi l-ispirtu, ir-ruħ u l-ġisem (*1Tess* 5, 23). Jagħmel tiegħu ukoll l-antitesi Platonika u Stojka bejn "il-bniedem esterjuri" u "l-bniedem interjuri, bejn "ħwejjeġ li jidhru" – dawk li jgħaddu – u dawk li ma jidhrux – dawk li jibqgħu għal dejjem (*2Kor* 4, 17-18). Imma Pawlu ma jiqafx hemm u jieħu

11 Pawlu jsejjaħ lil Ġesù "l-bniedem mis-sema", anthrôpos eks ouranou (*1Kor* 15, 47). B'din l-espressjoni, Pawlu fehem li Ġesù huwa l-bniedem kif riedu jkun tassew Alla sa minn meta ħalaq 'il-bniedem. Pawlu ma jridx ifisser biss li hu bniedem bħalna, imma li hu l-veru bniedem, il-bniedem kif riedu jkun Alla. Ħajtu kollha kemm hi bħala bniedem fuq l-art hija l-ħajja kif riedha tingħax Alla mill-bniedem: ara Giovanni Giavini, *Verso San Paolo. Guida popolare al suo messaggio per allora e peroggi* (=Bibbia: Proposte e Metodi), Elledici: Leumann (to) 2003, 84-84. Ara wkoll John J. Kilgallen, *First Corinthians. An introduction and study guide*, Paulist Press: New York/Mahwah 1987, pp. 136-140.

12 Ara l-kummenti ta' Joseph A. Fitzmyer, *Romans* (=The Anchor Bible 33), Doubleday: New York 1993, pp. 429-439.

dawn il-filosofiji u antropoloġiji u jħallihom kif sabhom.[13] Li jagħmel hu li jingasta dan id-diskors fil-fehma tiegħu reliġjuża u eskatoloġika, fejn ir-realtà ġewwinija, eterna u definittiva ma tiddependix minn dak li jagħmel il-bniedem, imma mill-inizjattiva kollha ħniena u effikaċi, mogħtija b'xejn lil kulħadd minn Alla. Bl-istess mod, Pawlu jitkellem fuq l-"immortalità" u "l-inkorruttibbiltà", imma jgħaqqadhom b'mod paradossali mal-ġisem ta' dawk li jqumu mill-mewt u mhux kif jagħmlu l-filosfi Griegi li jgħaqqduhom mar-ruħ jew ma' l-ispirtu tal-bniedem.

Dan ifisser li l-antropoloġija ta' Pawlu hija mlaqqma fuq il-viżjoni tiegħu ta' l-istorja reliġjuża tal-bniedem. L-istorja tal-bniedem hija mmarkata għal dejjem u bla ma tista' titreġġa' lura mill-preżenza u l-azzjoni salvifika ta' Kristu Ġesù. Ġesù huwa l-Adam li għandu jiġi, mhux bħal dak li kien xi darba (ara *Rum* 5, 14). Kristu Ġesù huwa l-Adam li qiegħed f'ras l-umanità kollha għax minnu ħarġet dik l-umanità l-ġdida, differenti minn dik li beda l-ewwel Adam.[14] Dan l-ewwel wieħed bid-dnub tiegħu daħħal fid-dinja l-mewt li għarrqet il-bnedmin kollha għax ingħaqdu flimkien fl-istorja tad-dnub ta' l-ewwel Adam li nissilhom. Imma t-Tieni Adam, bil-ħidma salvifika tiegħu, wera lilu nnifsu ferm iktar qawwi u ferm iktar effikaċi: il-ħelsien mid-dnub ta' l-ewwel Adam li ġab Kristu Ġesù mess lill-bnedmin kollha, u darba għal dejjem. Meta Pawlu jqabbel l-istorja negattiva ta' l-ewwel Adam ma' dik ta' Kristu, it-tieni Adam, juri kif is-solidarjetà ġdida tal-bnedmin fis-salvazzjoni hija ferm aktar qawwija u wiesgħa minn dik negattiva li ġab fuqhom l-Ewwel Adam bid-dnub tiegħu. Għalhekk seta' jgħid: "Jekk minħabba fil-ħtija ta' wieħed waħdu saltnet il-mewt, permezz ta' dak il-wieħed, aktar u aktar dawk li jirċievu l-kotra tal-grazzja u d-don tal-ġustizzja, għad isaltnu fil-ħajja permezz ta' wieħed li hu Ġesù Kristu" (*Rum* 5, 17).

Pawlu jerġa' jimxi pass pass l-istorja tal-kundizzjoni tal-bniedem, biex jasal għal dan l-għan: li juri li l-Liġi, mogħtija minn Alla permezz ta' Mosè, fil-fatt hija bla saħħa u bla effett li teħles lill-bniedem mill-jasar tad-dnub u l-mewt.[15] Permezz tal-Liġi, il-bniedem jagħraf biss u jkun jaf x'inhu li jagħmel

13 L-eseġeta Taljan magħruf, wieħed mill-kbar fejn jidħlu l-Ittri ta' Pawlu, Romano Penna, hu tal-fehma li għalkemm Pawlu jesprimi fehmiet bi ħsieb Lhudi qawwi fihom, ħadd ma jista' jiċħad li hemm magħġuna fihom lingwaġġ Ellenizzanti/Grieg reali. Imma Pawlu jagħġinhom flimkien fil-ħsieb nisrani innovattiv tiegħu. Ara *L'apostolo Paolo. Studi di esegesi e teologia, Edizioni Paoline*: Milan 1991, pp. 280-281.

14 Ara Ziesler, *Pauline Christianity*, pp. 52-57.

15 Ara Morna D. Hooker, *Paul: a short Introduction*, Oneworld Publications: Oxford 2003,64-66; Stefano Romanello, *Una legge buona ma impotente. Analisi retorico-letteraria di Rm 7,7-25 nel suo contesto* (=Supplementi alla Rivista Biblica 35), EDB, Bologna 1999.



id-dnub (*Rum* 5, 20).[16] Anzi l-preċetti tal-Liġi fil-kundizzjoni tal-bniedem maħkum mid-dnub ma jagħmlux ħlief jitilqu ħielsa x-xewqat ribelli tiegħu, u b'hekk iżidu l-ksur tal-Liġi stess (*Gal* 3, 19; *Rum* 4, 15). Fil-fatt il-Liġi ma ġġib l-ebda ġustifikazzjoni lill-bnedmin (*Gal* 2, 21; 3, 21). Il-Liġi ġġib l-għarfien u l-esperjenza tad-dnub (*Rum* 3, 20); issir saħansitra "l-Liġi tad-dnub u l-mewt" (*Rum* 8, 2).[17] Tmiem dan il-proċess fil-ħajja tal-bniedem, fejn il-Liġi nfisha għandha sehem fil-kwistjoni tad-dnub, ma jkun xejn inqas mill-mewt!

L-appostlu Pawlu, l-aktar f'*Rum* 7, 1-6 u *2Kor* 5, 14-17, iqiegħed ħdejn xulxin żewġ suġġetti li tant jidhru fl-Ittri tiegħu: l-Ispirtu u l-Patt il-Ġdid. It-tnejn ma tistax issibhom mingħajr xulxin. It-terminoloġija ta' "*kainè ktisis* ħolqien ġdid" isservi lil Pawlu strument tant tajjeb fl-argumenti tiegħu dwar "Spirtu-ġisem". It-tradizzjoni profetika, l-aktar dik ta' Ġeremija u Eżekjel, kienet staffa tajba ħafna għall-Appostlu f'dawn l-argumenti dwar l-Ittra u l-Ispirtu.[18]

Wara din ir-rikostruzzjoni drammatika tal-kundizzjoni umana li jibni Pawlu hemm ir-rakkont ewlieni tal-Ġenesi. Il-persuna tal-bniedem hi rappreżentata minn Pawlu nnifsu fl-ewwel persuna: qisu hu nnifsu jirrappreżenta lill-bnedmin kollha.[19] Dan jagħmlu għax jaf tajjeb ħafna din it-taqbida tal-bniedem bħala esperjenza personali tiegħu stess. F'dawn l-argumenti li jibni hu juża l-pronom "jien", bħallikieku l-bnedmin kolha huma miġbura fih. Id-dnub jieħu l-parti tas-serp li jinganna lill-bniedem li jinqeda bil-kmand ta' Alla biex ikaxkar lill-bniedem maħluq minn Alla f'li jeħodha kontra l-istess ħallieq tiegħu. B'din ir-ribelljoni huwa l-bniedem li jiġbed fuqu nnifsu l-mewt tiegħu. B'daqshekk Pawlu mhux jargumenta li l-Liġi hi xi ħaġa ħażina jew li hi ta' min jgħaddi mingħajrha jew jeħles minnha! Fl-istess nifs itenni: "il-Liġi hi qaddisa u l-kmandament hu qaddis, ġust u tajjeb" (*Rum* 7, 12). Imma ma għandhiex il-qawwa biex teħles: "nafu li l-Liġi hi spiritwali, imma jien tad-demm u l-laħam mibjugħ lid-dnub" (*Rum* 7, 14). Konferma ta' din l-impotenza tal-Liġi li ġġib il-ħelsien lill-bniedem toħroġ minn dak li jgħid Pawlu: "M'iniex nagħmel it-tajjeb li rrid, imma qiegħed nagħmel il-ħażin li ma rridx" (*Rum* 7, 19).

It-taqbida ta' kull bniedem hija wkoll it-taqbida ta' Pawlu:

> Naf li t-tajjeb ma jgħammarx fija, jiġifieri f'ġismi. Ir-rieda tajba qiegħda hemm fija, imma li nagħmel it-tajjeb m'hux hemm.

16 Romano Penna, *Una fede per vivere. Seguendo il filo della Lettera ai Romani*, Edizioni Paoline, Cinisello Balsamo (MI) 1992, p. 72.

17 Ara Karl Hermann Schelkle, *Paolo. Vita, lettere, teologia* (=Biblioteca di Cultura Religiosa 56), Paideia, Brescia 1990, pp. 224-225.

18 Ara Hubbard, *New creation*, p. 112.

19 Għal din l-idea ta' Pawlu bħala rappreżentant, ara Hooker, *Paul*, pp. 109-113.

> M'iniex nagħmel it-tajjeb li rrid, imma qiegħed nagħmel il-ħażin li ma rridx. Jekk jien nagħmel sewwasew dak li ma rridx, mhux jien mela qiegħed nagħmlu iżda d-dnub li hemm jgħammar fija. Inħoss din il-Liġi ġewwa fija: meta rrid nagħmel it-tajjeb, ifeġġ quddiemi l-ħażin (*Rum* 7, 18-21).

Din it-taqbida twasslu biex jesklama: "Imsejken bniedem li jien! Min se jeħlisni minn dan il-ġisem tal-mewt?" (*Rum* 7, 24). Isib biss mistrieħ fit-telqa tiegħu f'Alla, li jista' jagħmel kollox biex isalva lil kull bniedem: "Niżżi ħajr lil Alla permezz ta' Ġesù Kristu Sidna!" (*Rum* 7, 25).

Ir-rikostruzzjoni li jagħmel Pawlu tal-kundizzjoni umana mħarbta mid-dnub hija ipotetika. Pawlu jrid jisħaq fuq l-impotenza sħiħa tal-Liġi li ma tista' tagħmel xejn kontra d-dnub, f'sitwazzjoni storika dominata mid-dnub. Imma din il-kundizzjoni issa ġiet megħluba mill-inizjattiva ta' Alla li, permezz ta' Ibnu Ġesù, xejjen il-qawwa tad-dnub u b'hekk seta' jseħħ dak li l-Liġi ma setgħet qatt twettaq: il-ħelsien tal-bniedem mid-dnub.[20] Fit-Testment il-Ġdid Alla wasslilna Liġi ġdida, liġi ta' ħelsien u libertà. Hija wkoll liġi li ġabet tiġdid assolut fil-bniedem u l-ħajja tiegħu. Din il-Liġi ġġedded il-bniedem sa mill-għeruq tiegħu.[21] B'din l-inizjattiva tiegħu stess, Alla reġa' ħabbeb miegħu l-bniedem u tefa' fih id-don ta' l-Ispirtu s-Santu li ħeġġeġ mill-ġdid fl-istess bniedem il-qawwa ta' l-imħabba li tegħleb kull xkiel (ara *Rum* 8, 1-4).[22]

Pawlu jerġa' jtenni dan il-ħsieb tant għoli fit-*Tieni Ittra lill-Korintin*, fejn insibu l-antitesi li mbagħad jerġa' jikteb fuqhom fl-Ittra lir-Rumani: "l-ittra–Liġi" ta' l-ewwel Patt tikkundanna għall-mewt lil min jiksirha; l-"Ispirtu" tat-tieni Patt, don ġewwieni ta' Alla li jagħti lil dawk li jemmnu, jerġa' jagħtihom il-qawwa biex iwettqu l-ġustizzja ta' Alla biex ikollhom il-ħajja.

Meta l-imgħammdin jagħmlu din l-esperjenza ta' rikonċiljazzjoni mill-ġdid ma' Alla f'Ġesù Kristu, huma jsiru "ħolqien ġdid".[23] Dan iseħħ għax il-grazzja ta' Alla li tasal lill-bniedem f'din il-ħbiberija ddaħħal mod ġdid ta' ħajja u

20 Ara Hooker, *Paul*, pp. 66-70, fejn Kristu Ġesù hu ppreżentat bħala l-għan tal-Liġi nfisha.

21 Maritain, *Pensée*, p. 153.

22 Fil-fatt Maritain, *Pensée*, p. 153, iqis li l-essenza tal-ħsieb spiritwali u mistiku ta' Pawlu tinġabar fit-tagħlim tiegħu dwar it-twaħħid tad-dixxiplu mal-mewt u l-ħajja ta' Kristu Ġesù: meta wieħed, permezz tal-koperazzjoni mal-grazzja ta' Alla, jimxi 'l quddiem flimkien fil-mewt ta' Kristu u fil-ħajja tiegħu.

23 L-espressjoni *kainè ktisis* = ħolqien ġdid ġiet studjata fil-fond sa minn Santu Wistin. Illum nistgħu ngħidu li b' ħolqien" (*ktisis*) Pawlu fl-Ittri tiegħu ried ifisser dejjem "il-bniedem, l-umanità, il-ħlejjaq li huma persuni". Għal studju serju tal-frażi ara Alberto Giglioli, *L'uomo e il creato? Ktisis in S. Paolo*, (=Collana Studi Biblici 21), Edizioni Dehoniane, Bologna 1994, pp. 47-69.



eżistenza fid-dinja tal-bniedem, li fiha Kristu Ġesù u n-nisrani donnhom jibdew jgħixu ħajja waħda. Il-bniedem jaqsam ma' Kristu dan il-mod ta' ħajja ġdida permezz tal-fidi u l-magħmudija, li ddaħħlu fi Kristu u fil-Knisja tiegħu.[24] Jekk fl-ewwel ħolqien il-bniedem ġibed fuqu l-kundanna ta' Alla minħabba d-dnub tiegħu li qatgħu minn Alla, b'dan it-tħabbib mill-ġdid miegħu fi Kristu Ġesù, Alla jerġa' jitfa' fih ħajja ġdida, jerġa' joħolqu, bħalma kien tefa' fih il-ħajja meta ħalqu.

Pawlu juża l-ewwel darba l-espressjoni "ħolqien ġdid" fi tmiem l-Ittra lill-Galatin. Lill-missjunarji ġudajizzanti – insara li kkonvertew mir-reliġjon Lhudija – li riedu jimponu ċ-ċirkonċiżjoni fuq il-pagani konvertiti, Pawlu jqiegħed l-għażla tiegħu: "Ngħid għalija, ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu, li bih id-dinja hi msallba għalija u jien għad-dinja" (*Gal* 6, 14). Li wieħed ifittex xi prestiġju personali ma jagħmilx aktar sens meta Kristu Ġesù ta sens ġdid lill-bnedmin permezz tal-mewt tiegħu fuq is-salib. Issa Ġesù ta ħajja ġdida lill-bnedmin, li fiha jaqgħu l-ħitan kollha mibnija fuq differenzi ta' razza jew reliġjon: "Għaliex biċ-ċirkonċiżjoni jew mingħajrha, xejn ma hemm ta' siwi, ħlief il-ħolqien ġdid" (*Gal* 6, 15).

San Pawl jerġa' juża din l-espressjoni "ħolqien ġdid" fit-Tieni Ittra lill-Korintin fl-argumenti tiegħu dwar ir-raġunijiet fondi ta' l-appostolat tiegħu. Dak li dejjem imbuttah biex dejjem jibqa' jaħdem, daqslikieku kien immexxi minn xi qawwa ma tidhirx, kienet l-imħabba bla tarf ta' Ġesù għall-bnedmin kollha: imħabba li wasslitu biex imut għalihom. "U miet għal kulħadd biex dawk li jgħixu ma jgħixux għalihom infushom, imma għal dak li miet u rxoxta għalihom" (*Gal* 5, 15). Minħabba f'hekk, minħabba li n-nisrani ġie mirbuħ għal Alla billi Kristu Ġesù miet għall-bniedem, issa n-nisrani sar ta' Alla. Dak kollu li hu, hu issa ta' Alla. Alla ħelsu mill-ħakma li d-dnub kellu fuqu, u sar proprjetà ta' Alla. Kulma jagħmel, issa jagħmlu għax Alla rebħu għalih. Pawlu jargumenta li l-pożizzjoni tiegħu f'din ir-relazzjoni bejnu u bejn Alla jew il-Liġi li ma' tistax teħles mid-dnub issa hi ċara: hu kollu kemm hu ta' Alla fi Kristu Ġesù. "Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir ħolqien ġdid; il-qadim għadda u daħal il-ġdid" (*2Kor* 5, 17; *Iż* 43, 18).[25]

24 Joseph A. Fitzmyer, *Pauline Theology; a brief sketch*, Prentice Hall, Englewood Cliffs, NJ 1967, pp. 63-64.

25 Fil-fatt Kristu jidentifika ruħu mal-"jien" ġdid tan-nisrani. Din l-esperjenza tal-"kważi identifikazzjoni" ma' Kristu hija sies importanti fit-teoloġija u l-ispiritwalità ta' Pawlu. Ara Giuseppe de Gennaro – Elisabetta C. Salzer, *Letteratura mistica: San Paolo mistico*, Libreria Editrice Vaticana, Belt tal-Vatikan 1999, pp. 482-490.

## L-Ittri Dewtero-Kanoniċi

Fl-Ittri ta' Tradizzjoni Pawlina (dawk magħrufa bħala Dewtero-Pawlini għax aktarx li ma kitibhomx hu direttament) l-antitesi bejn "il-bniedem il-qadim" u "l-bniedem il-ġdid" terġa' tissemma fil-kuntest tal-katekeżi tal-magħmudija. L-imgħammdin huma mistiedna jgħixu stil ta' ħajja li jaqbel ma' l-għażla tal-magħmudija li rċevew, meta huma neżgħu l-bniedem il-qadim bl-azzjonijiet tiegħu u libsu l-bniedem il-ġdid, "li jiġġedded dejjem skond ix-xbieha ta' min ħalqu u jikber fl-għerf" (Kol 3, 10). Fl-istess kuntest Pawlu jfakkar fit-tneħħija ta' kull xkiel li ġej minn differenzi ta' razza, soċjali jew reliġjużi: "Fih ma hemmx Grieg jew Skita, ilsir jew ħieles, iżda Kristu f'kollox u f'kulħadd" (*Kol* 3, 11; ara *Gal* 3, 9-11).[26]

Is-suġġett tal-"bniedem il-ġdid" jidher fl-*Ittra lill-Efesin* qabel kollox f'kuntest ekkleżjali u wara f'dak tal-katekeżi tal-magħmudija. It-twaħħid bejn Lhud u pagani fil-Knisja huwa l-mudell ta' l-umanità l-ġdida rikonċiljata u mħabba mill-ġdid ma' Alla. Għandha s-sies definittiv tagħha fil-mewt fuq is-salib ta' Ġesù li ġarraf il-ħajt li kien jifred il-bnedmin bejniethom u qered il-mibgħeda għax "ried b'hekk joħloq fih innifsu bniedem wieħed, il-bniedem il-ġdid, billi jagħmilhom paċi t-tnejn bejniethom" (*Efes* 2, 15). Fit-tieni parti ta' l-ittra l-awtur jistieden lill-imgħammdin biex jiġġeddu minn ġewwa u biex "jilbsu l-bniedem il-ġdid, maħluq skond Alla, fil-ġustizzja u l-qdusija tassew" (*Efes* 4, 24). Il-bniedem il-ġdid huwa dak li hu maħluq fi Kristu Ġesù u li għandu fih ix-xbieha ta' Kristu.[27]

## Konklużjoni

"Il-bniedem il-ġdid" hu marbut ma' ħsibijiet ta' importanza kbira fit-teoloġija ta' Pawlu, bħall-ġustifikazzjoni u l-patt il-ġdid.

Il-bniedem il-ġdid huwa l-bniedem li lilu Alla joffri, permezz ta' l-Ispirtu s-Santu, il-maħfra tad-dnubiet. Dan iseħħ fit-tisħib tal-bniedem mal-mewt u l-qawmien ta' Kristu Ġesù fil-magħmudija. Lill-bniedem il-ġdid Alla jiftaħlu l-bieb għall-ħajja ġdida fi Kristu mqajjem mill-mewt: "Kontu ġġustifikati fl-isem ta' Sidna Gesù Kristu u fl-Ispirtu ta' Alla tagħna" (*1Kor* 6, 11). Wieħed jista' jispjega l-fatt li Pawlu ma' jsemmix il-bniedem il-ġdid fl-Ittri ewlenin tiegħu għax l-appostlu aktar jagħti kas li jfiehem il-kundizzjonijiet li bihom isseħħ ir-rikonċiljazzjoni bejn Alla u l-bniedem.

26 Ara Jean-Noël Aletti, *Lettera ai Colossesi* (=Scritti delle origini cristiane 12), EDB, Bologna 1994, pp. 196-199.

27 Għal kumment tajjeb għal din l-ittra, ara Stefano Romanello, *Lettera agli Efesini*, (= I Libri Biblici, Nuovo Testamento 10), Paoline: Milan 2003.



Kundizzjoni fundamentali li permezz tagħha sseħħ il-ġustifikazzjoni u għalhekk ir-rivelazzjoni tal-misteru ta' Alla hija l-patt il-ġdid imwettaq bid-demm ta' Kristu u l-effetti tiegħu: l-għotja ta' l-Ispirtu s-Santu[28] lil dawk li jemmnu, bħalma ħabbru minn qabel il-profeti, l-aktar Ġeremija, Eżekjel u Isaija. "Kristu fdiena mis-saħta tal-Liġi billi sar hu nnifsu saħta għalina" (*Gal* 3, 13), "biex fi Kristu Ġesù l-barka ta' Abraham tilħaq il-ġnus kollha, u biex permezz tal-fidi aħna nilqgħu l-wegħda ta' l-Ispirtu" (*Gal* 3, 14). Il-patt il-ġdid li Alla wettaq mal-bnedmin iseħħ bid-demm u l-qawmien ta' Kristu Ġesù. L-Ispirtu li hu ta fil-mewt tiegħu jeħles lill-bniedem mid-dnub u l-mewt (*Rum* 8,2), u jagħtih sehem fil-ħajja ġdida ta' Kristu Rxoxt.[29]

L-Ittri Dewtero-Pawlini, imbagħad, meta jitkellmu fuq il-bniedem il-ġdid, f'kuntrast ma' dawk iktar ġenwini ta' Pawlu, jagħtu ferm aktar importanza lill-magħmudija bħala l-istrument li bih iseħħ il-patt il-ġdid. Fil-magħmudija sseħħ il-bidla radikali u fundamentali u l-passaġġ mill-kundizzjoni l-qadima għal dik ġdida ta' l-eżistenza tal-bniedem. Dawn l-Ittri jagħtu iktar wisa' għall-effetti konkreti u li jidhru tal-bidla li diġà seħħet fil-ħajja tan-nisrani u fil-ħajja ordinarja tal-komunitajiet insara.

F'dan is-sens wieħed jista' jara żvilupp fil-ħsieb ta' Pawlu, jew aħjar fl-Ittri tiegħu, minn viżjoni teoloġika u l-leġittimità tagħha fl-Ittri l-kbar, għall-konsegwenzi prattiċi fil-ħajja ta' kuljum tan-nisrani u tal-ġemgħat insara fl-Ittri Dewtero-Pawlini, li joħorġu mill-applikazzjoni ta' dawn l-argumenti teoloġiċi.

Ir-relazzjoni bejn l-Ispirtu, il-bniedem, u l-bniedem "il-ġdid" hija terna li nsibuha l-ħin kollu fl-Ittri kollha (ara *Rum* 7, 6; 8, 2; *2Kor* 3, 18; *Efes* 3, 16; 4, 23). Min-naħa l-oħra tidher differenza fil-karattru ta' dan il-frott ta' l-Ispirtu s-Santu: fl-Ittri Dewtero-Pawlini l-Ispirtu s-Santu huwa magħruf bħala dak li jwettaq u li jfiehem lill-bniedem dwar ir-realtajiet kbar tal-patt il-ġdid u tal-ġustifikazzjoni (spjegati fl-Ittri prinċipali).

28 Il-verbi "radd l-ispirtu tiegħu (eksepneusen Mk 15, 37; Lq 23, 47), radd ruħu (*afèken to pneuma Mt* 27, 50; *paredôken to pneuma* Ġw 19, 30)" li jużaw l-evanġelisti biex jgħidu li Ġesù miet fuq is-salib, jistgħu jfissru wkoll "ta l-Ispirtu tiegħu".

29 Ara Mieczyslaw Lubomirski, *Il ruolo dello Spirito Santo nel passaggio dell'uomo vecchio all'uomo nuovo secondo San Paolo*, Pontificia Università Gregoriana, Ruma 1988, p. 374.

## Bibliografija

ALETTI Jean-Noël, *Comment Dieu est-il juste. Clefs pour interpreter l'épître aux Romains* (=Paroles de Dieu), Editions du Seuil, Parigi 1991.

*Lettera al Colossesi* (=Scritti delle origini cristiane 12), EDB, Bologna 1994.

CASALINI Nello, *Le lettere di Paolo. Esposizione del loro sistema di teologia*, (=Studium Biblicum Franciscanum Analecta 54), Franciscan Printing Press, Ġerusalemm 2001.

DE GENNARO Giuseppe – SALZER ELISABETTA C., *Letteratura mistica: San Paolo mistico*, Libreria Editrice Vaticana, Belt tal-Vatikan 1999.

FABRIS Rinaldo, *Per leggere Paolo*, Borla, Ruma 1993.

FITZMYER Joseph A., *Pauline Theology; a brief sketch*, Prentice Hall, Englewood Cliffs, NJ 1967.

*Romans* (=The Anchor Bible 33), Doubleday, New York 1993.

GIAVINI Giovanni, *Verso San Paolo. Guida popolare al suo messagglo per allora e per oggi* (=Bibbia: Proposte e Metodi), Elledici, Leumann (to) 2003.

GIGLIOLI Alberto, *L'uomo e il creato? Ktisis in S. Paolo*, (=Collana Studi Biblici 21), Edizioni Dehoniane, Bologna 1994.

GLOER W. Hullitt, *An exegetical and theological study of Paul's understanding of new creation and reconciliation in 2Cor 5: 14-21*, Mellen Biblical Press, Leviston/New York 1996.

GORMAN Michael J., *Apostle of the Crucified Lord. A theological introduction to Paul and his letters*, *Eerdmans*, Grand Rapids/ MI, 2004.

HOOKER Morna D., *Paul: a short introduction*, Oneworld Publications, Oxford 2003.

HUBBARD Moyer V., *New creation in Paul's Letters and thought*, Cambridge University Press, Cambridge 2002.

KILGALLEN John J., *First Corinthians. An introduction and study guide*, Paulist Press: New York/Mahwah 1987.

LUBOMIRSKI Mieczyslaw, *Il ruolo dello Spirito Santo nel passaggio dell'uomo vecchio all'uomo nuovo secondo San Paolo*, Pontificia Università Gregoriana, Ruma 1988.

MARITAIN Jacques, *Le pensée de Saint Paul, Editions de la Maison Française*, New York 1941; bl-Ingliż: *The living thoughts of Saint Paul*, Cassell: Londra 1945, u bit-Taljan: *Il pensiero di San Paolo*, Borla: Ruma 21999.

MARTYN J. Louis, *Galatians* (= The Anchor Bible 33A), Doubleday: New York 1998.

PENNA Romano, *L'apostolo Paolo. Studi di esegesi e teologia*, Edizioni Paoline: Milan 1991.

ROMANELLO Stefano, *Lettera agli Efesini*, (= I Libri Biblici: Nuovo Testamento 10), Edizioni Paoline: Milan 2003.

*Una legge buona ma impotente. Analisi retorica-letteraria di Rm 7,7-25 nel suo contesto* (=Supplementi alla Rivista Biblica 35), EDB: Bolgna 1999.

SCHELKLE Karl Hermann, *Paolo. Vita, lettere, teologia* (=Biblioteca di Cultura Religiosa 56), Paideia: Brescia 1990.

ZIESLER John, *Pauline Christianity* (=The Oxford Bible Series), Oxford University Press: Oxford 21990.